MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2008

Citazzjoni Numru. 82/2000/2

Avukat Dottor Philip **MANDUCA** bħala mandatarju tas-soċjeta’ estera De Marco SrL

**vs**

Pius *sive* Pio **CAMILLERI** u Joseph Paċe bħala diretturi għan-nom u in rappreżentanza ta’ Casa Italia Limited

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fid-9 ta’ Ottubru, 2000, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-avukat Philip Manduca *nomine* talab li, għall-finijiet tal-artikoli 842 u 846 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, din il-Qorti (a) tordna lill-intimati *nomine* jgħidu fejn jinsabu l-oġġetti maqbuda bis-saħħa tal-imsemmi Mandat u għaliex l-istess oġġetti tneħħew minn fejn kienu meta nqabdu fl-eżekuzzjoni tal-istess Mandat; u (b) tagħti d-direttivi meħtieġa biex ikunu mħarsa l-jeddijiet tiegħu *nomine* bħala kreditur;

Rat id-degriet tagħha (diversament komposta) tal-15 ta' Jannar, 2001, li bih ordnat mill-ġdid in-notifika lill-intimati bi tmint ijiem żmien biex jgħidu fejn jinsabu l-ħwejjeġ maqbuda u, fin-nuqqas, tagħmilhom passibbli għas-sanzjonijiet kollha kontemplati mil-liġi;

Rat id-degriet tagħha (diversament komposta) tas-6 ta' Frar, 2001, li bih ordnat lir-Reġistratur tal-Qrati biex jipproċedi b'passi legali kontra s-soċjeta' debitriċi, u irriżervat li tipproċedi ulterjorment wara li r-rikorrent jippreżenta l-att opportun;

Rat it-Tweġba mressqa mill-intimat Joseph Paċe fl-10 ta' April, 2001, li biha fisser li hu kien wieħed miż-żewġ diretturi tal-kumpannija intimata debitriċi li, għal xi żmien, kienet tmexxi n-negozju tagħha minn stabiliment fi Triq il-Wied, Birkirkara, li kienet tikri mingħand kumpannija oħra. Qal li l-kumpannija intimata kienet waqqfet in-negozju tagħha u hu ma kellux aċċess għall-imsemmi stabiliment, li kien jitmexxa mill-intimat l-ieħor Pio Camilleri. Żied jgħid li, sa minn dak inhar li l-kumpannija intimata waqfet topera, ma reġax daħal aktar fl-imsemmi stabiliment, tant li ħalla wrajh ħwejjeġ tiegħu personali u baqa' ma setax jiġborhom. Għalhekk, qal li hu ma kienx il-persuna li tista' tagħti t-tagħrif mitlub mill-Qorti;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat Pio Camilleri fl-1 ta' Awissu, 2001, li biha fisser li l-istabiliment fejn ġie eżegwit il-Mandat ma kienx tbattal imma ngħalaq. Qal li l-istabiliment kien proprjeta' tal-kumpannija kummerċjali Planor Limited li kienet tikri biċċa minnu lill-kumpannija intimata debitriċi, sakemm din iddeċidiet li tħalli l-istess stabiliment meta sabet ruħha fi problemi finanzjarji. Żied jgħid li Planor Limited ukoll waqfet tinnegozja u għaddejja minn proċess ta' likwidazzjoni, iżda tenna li l-oġġetti maqbuda bl-imsemmi Mandat għadhom f'dak l-istabiliment u jistgħu jinġabru wara li jsiru l-arranġamenti meħtieġa mal-likwidatur ta' Planor Limited, Emanuel Farruġia;

Rat id-degriet tagħha tas-7 ta' Settembru, 2001, li bih ordnat lill-imsemmi Emanuel Farruġia li jwettaq

b'ġurament dak li jingħad dwaru fit-Tweġiba tal-intimat Pio Camilleri;

Rat id-degriet tagħha (diversament komposta) tad-19 ta' Diċembru, 2001, li bih appuntat ir-Rikors għas-smigħ għad-9 ta' Jannar, 2002;

Rat ix-xhieda mogħtija quddiem il-Qorti u l-provi dokumentali mressqa mill-partijiet;

Rat id-degriet tagħha (diversament komposta) tas-7 ta' April, 2003[1], li bih dan ir-Rikors ġie assenjat (flimkien ma' proċedimenti oħrajn pendenti quddiem dik il-Qorti kif presjeduta) lill-Qorti kif illum presjeduta;

Rat id-dokumenti u semgħat ix-xhieda ulterjuri tal-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tat-8 ta' Ġunju, 2006[2], li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi u, fuq talba magħmula mill-avukati tal-intimati, ordnat li t-trattazzjoni tal-għeluq issir b'Noti ta' Sottomissjonijiet;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mil-intimat Joseph Paċe fit-28 ta' Lulju, 2006[3];

Rat li l-partijiet l-oħrajn naqsu li jressqu sottomissjonijiet fiż-żmien mogħti lilhom;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

Rat id-degriet tagħha tal-14 ta' Diċembru, 2006, li bih ħalliet ir-Rikors għad-deċiżjoni;

***Ikkunsidrat:***

Illi dan huwa proċediment biex debitur intimat f'Mandat jagħti tagħrif dwar fejn jinsabu ħwejjeġ maqbudin minn idejh f'Mandat u li ma nstabux meta ġiet biex issir l-elevazzjoni tagħhom. Ir-rikorrent *nomine* jirrappreżenta

---

[1] Paġ. 76 tal-proċess
[2] Paġ. 191 tal-proċess
[3] Paġ. 193 tal-proċess

kumpannija li kienet kanonizzata kreditriċi tal-kumpannija intimata eżekutata bis-saħħa ta' sentenza. Meta kien qiegħed isir il-proċess għall-eżekuzzjoni tal-imsemmija sentenza, u kien ordnat il-bejgħ b'irkant tal-ħwejjeġ maqbudin bil-Mandat, l-uffiċjal esekuttiv ma setax jeleva l-imsemmija oġġetti għaliex ma sabhomx aktar fil-post li fih kienu meta sar u ġie eżegwit il-Mandat. Ir-rikorrent *nomine* qiegħed jitlob li l-intimati jgħidu fejn jinsabu l-oġġetti maqbudin u biex jagħtu spjegazzjoni għaliex dawk l-oġġetti tneħħew minn fejn kienu nqabdu. Qiegħed jitlob ukoll lill-Qorti tagħti l-provvedimenti meħtieġa;

Illi mill-atti tar-Rikors joħorġu dawn <u>il-fatti ewlenin</u>. Fit-8 ta' Novembru, 1994, il-kumpannija DeMarco SrL (aktar 'il quddiem imsejha "DM") talbet u kisbet il-ħruġ ta' Mandat ta' Qbid[4] (aktar 'il quddiem imsejjaħ "il-Mandat") b'ħarsien ta' pretensjoni ta' kreditu li kellha kontra l-kumpannija intimata Casa Italia Limited (aktar 'il quddiem imsejħa "CI") f'kawża li kienet qegħda tiftaħ kontriha[5]. L-eżekuzzjoni tal-Mandat saret fis-16 ta' Novembru, 1994, u mill-istabiliment indikat fil-Mandat inqabdu xi oġġetti, fil-biċċa l-kbira minnhom għamara, kif imfissra f'dettal fir-riferta maħruġa mill-uffiċjal eżekuttiv il-Marixxall John Vassallo, li ħalla kopja tagħha f'idejn wieħed jismu Ġorġ Saliba[6]. Minħabba li dak inhar id-debitur eżekutat ma ressaq l-ebda persuna xierqa, il-marixxall ħatar bħala kunsinnatarju lil wieħed Leli Mamo bħala kunsinnatarju biex jindokra l-ħwejjeġ maqbuda, imma ħassar dik il-ħatra dak inhar stess ladarba l-kreditur ma wettaq l-ebda depożitu[7];

Illi l-kawża kontra CI inqatgħet fl-10 ta' Novembru, 1999, favur DM, li kienet kanonizzata kreditriċi ta' CI fis-somma ta' Lm 11,681[8] (is-sorti msemmi fil-Mandat), flimkien mal-imgħaxijiet legali u l-ispejjeż tal-kawża;
Illi l-intimati Pio Camilleri (aktar 'il quddiem imsejjaħ "PC") u Joseph Paċe (aktar 'il quddiem imsejjaħ "JP") kienu

[4] Numru 3835/94JV
[5] Ċitazz.Nru. 1585/94RCP
[6] Dok "CAS1", f'paġġ. 83 – 4 tal-proċess
[7] Art. 292(1) tal-Kap 12
[8] Li jġibu € 27,209.40 fi flus tal-lum

diretturi ta' CI[9] li l-azzjonisti tagħhom kienu żewġ kumpanniji, waħda kontrollata minn PC u l-oħra minn JP. CI, li kienet imwaqqfa u reġistrata f'Settembru tal-1993, kienet tmexxi negozju ta' bejgħ ta' għamara importata mill-Italja, flimkien ma' DM. Kienet tikri sular minn stabiliment fi Triq il-Wied, Birkirkara, mingħand kumpannija bl-isem ta' Planor Limited[10] (aktar 'il quddiem imsejħa "PL") li l-intimat PC kien direttur tagħha flimkien ma' tnejn minn ħutu[11];

Illi meta DM ġiet biex teżegwixxi t-titolu miksub bis-sentenza, talbet li l-ħwejjeġ maqbudin bil-Mandat jinbiegħu b'irkant taħt l-awtorita' tal-Qorti[12]. Din it-talba saret fil-11 ta' April, 2000 u l-Qorti laqgħet it-talba fil-15 ta' Mejju, 2000, u ordnat li l-irkant isir f'149, Triq id-Dejqa, Valletta, fl-20 ta' Ottubru, 2000. Meta l-uffiċjal eżekuttiv mar biex jiġbor l-oġġetti biex joħodhom fejn kellu jsir l-irkant, sab il-post magħluq;

Illi dan ir-Rikors tressaq fid-9 ta' Ottubru, 2000, u sal-lum l-ebda parti mill-ammont kanoniżżat bis-sentenza ma tħallas lir-rikorrent *nomine*;

Illi mill-provi mressqa joħroġ li l-ħwejjeġ maqbuda kienu sitt settijiet ta' għamara (fil-biċċa l-kbira minnhom kċejjen) mgħammra b'kollox (magħduda magħhom *white goods* jew *appliances in-built*). Meta nqabdu, l-kumpannija intimata kienet diġa' għaddejja minn taqlib fit-tmexxija tagħha u l-ġejjieni tagħha kien inċert. Madankollu, jidher li l-ħwejjeġ maqbuda kienu kollha f'xi żmien jagħmlu mill-assi tal-kumpannija intimata. Meta saret l-eżekuzzjoni, l-ebda wieħed mill-intimati *nomine* ma kien fiżikament preżenti, imma jidher li PC kien mgħarraf dak inhar stess u dan, min-naħa tiegħu, għarraf lil JP ukoll aktar tard;

Illi joħroġ ukoll li l-intimati jafu liema kienu l-ħwejjeġ maqbuda, u dan għaliex saħansitra saru listi[13] ta' dak li nqabad u għaliex, f'bosta okkażjonijiet meta xehdu semmewhom u wrew li jafu liema kienu. Joħroġ ukoll li l-

[9] Dok "MA1", f'paġ. 165 tal-proċess
[10] Dok "MA4", f'paġġ. 172 – 3 tal-proċess
[11] Xhieda ta' Camileri 26.2.2002, f'paġ. 32 tal-proċess
[12] Rik. Nru. 82/00
[13] Ara, b'eżempju, Dok "PC" 29 tal-proċess

intimati (ukoll jekk biex jixlu jew jimplikaw wieħed lill-ieħor) stqarru li ħadu wħud mill-ħwejjeġ maqbuda taħt idejhom[14]. Ħwejjeġ oħrajn li setgħu nqabdu tħallew fl-istabiliment, filwaqt li jissemma li wieħed mis-settijiet tal-għamara nkiseb b'xiri minn iben PC u tqiegħed fid-dar tiegħu. Tressqet xhieda[15] li turi li, wara li kien eżegwit il-Mandat, kien sar irkant (*public sale*) tal-merkanzija li kienet tagħmel parti min-negozju ta' CI u d-dħul minnu nqasam bejn PC u JP. U hemm xhieda oħra[16] li tgħid li, għal aktar minn darba, wara li ngħalaq l-istabiliment għal kollox (jiġifieri kemm wara li waqfet taħdem CI u kif ukoll wara li waqfet taħdem PL) nies mhux magħrufa daħlu fil-post fejn kienu baqgħu jinżammu xi wħud mill-ħwejjeġ u ġarrewhom minn hemm;

Illi l-konsiderazzjonijiet legali li jirrigwardaw il-kwestjoni juru li bil-Mandat inqabdu ħwejjeġ tal-kumpannija intimata. Jekk inhi minnha l-allegazzjoni ta' PC li waħda mill-kċejjen maqbuda kienet inxtrat minn ibnu sa minn qabel l-eżekuzzjoni tal-Mandat, dan ma jbiddel xejn mis-siwi tal-Mandat[17], u kien jispetta lil iben PC, jekk deherlu li l-kċina maqbuda kienet tiegħu, li jagħmel il-proċedura meħtieġa biex ineħħiha mill-effetti tal-eżekuzzjoni tal-Mandat[18];

Illi bl-eżekuzzjoni tal-Mandat, il-ħwejjeġ maqbuda ma baqgħux aktar disponibbli għall-kumpannija intimata u lanqas għal ħaddieħor li seta' kellu interess fl-istess kumpannija, u dan għaliex dawk il-ħwejjeġ jitqies li tqiegħdu taħt l-awtorita' tal-Qorti b'seħħ minn dak inhar[19]. Għalkemm, minħabba ċ-ċirkostanzi kif imfissra aktar qabel, l-ħwejjeġ maqbudin ma ttiħdux f'idejn kunsinnatarju, dan ma naqqas xejn mir-rabta li l-intimati kellhom li jaraw li dawk l-oġġetti ma jitgħarrqux jew ma jitneħħewx minn fejn kienu;

Illi jirriżulta li kemm l-intimat PC u kif ukoll l-intimat l-ieħor JP kienu jafu bil-Mandat. Għalkemm JP jisħaq li huwa ma

---

[14] Ara, b'eżempju, paġġ. 36 – 7, 66, 127 sa 130, 155 u 159 tal-proċess
[15] Xhieda ta' Daniel Dimech 21.5.2002, f'paġġ. 53 – 5 tal-proċess
[16] Xhieda ta' Emanuel Farruġia 9.3.2006, f'paġ. 186 tal-proċess
[17] P.A. AJM **14.11.1994** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Josephine Spiteri vs Anthony Perry et***
[18] Ara P.A. TM **23.6.2005** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Alf Mizzi & Sons Ltd vs Joseph Paċe***
[19] Ara App. Kumm. **12.3.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Peter Borġ vs Carmelo Calleja et*** (Mhix pubblikata)

kienx għad għandu aċċess għall-post fejn kienu l-ħwejjeġ maqbuda u la lanqas biss kien direttur ta' CI, il-provi juru li dan m'huwiex minnu xejn. Hu kien direttur u l-interessi tiegħu f'CI kien joħodlu ħsiebu Anthony Spiteri, żewġ bintu. Kien dan Spiteri li ħa u ġarr fl-interess ta' JP) biċċa mill-għamara maqbuda. Lanqas ma jidher li hija skuża tajba li l-intimati jinħbew wara ċ-ċirkostanza tal-isgassi u s-serq, allegazzjonijiet li ma ġewx sostanzjati bi provi ċari u ta' min joqgħod fuqhom;

Illi l-Qorti tqis li din l-imġiba tal-intimati tixhed għamil kontra dak li titlob il-liġi u tammonta għal disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrent billi:

**Dwar l-ewwel talba** tiddikjara li l-intimati stqarru li l-ħwejjeġ maqbudin bil-Mandat f'biċċa minnhom ittieħdu minnhom u f'biċċa oħra iddisponew minnhom meta ma kellhom l-ebda jedd li jagħmlu dan, u li llum m'huwiex determinabbli fejn jinsabu kollha;

**Dwar it-tieni talba** tipprovdi billi, ladarba l-għamil tal-intimati jammonta għal ksur ta' ordni ta' qorti, tordna lir-Reġistratur iressaq fil-konfront tagħhom proċeduri għall-finijiet tal-artikolu 1003A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u tidderieġi lir-rikorrent *nomine* sabiex, jekk jidhirlu, jirregola ruħu bi proċeduri xierqa fil-konfront tal-istess intimati għar-risarċiment tad-dannu mġarrab minħabba għamilhom;

**Tordna** lill-intimati jħallsu l-ispejjeż ta' din il-proċedura.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------